AEC
Australian Electoral Commission
www.aec.gov.au

# Fact Sheet

Maltese
KARTA TA' INFORMAZZJONI MILL-AEC

# Dati ġodda ta' l-għeluq biex tirreġistra għal vot, jew biex taġġorna d-dettalji tiegħek fuq ir-reġistru elettorali, għall-elezzjonijiet federali

Kien hemm bidliet importanti fid-dati ta' l-għeluq biex tirreġistra għal vot, jew biex taġġorna d-dettalji tiegħek fuq ir-reġistru elettorali, għall-elezzjonijiet federali.

Jekk m'intix irreġistrat, jew m'intix żgur jekk ismek jew id-dettalji ta' l-indirizz tiegħek fuq ir-reġistru elettorali humiex aġġornati, tirriskja li ma tkunx tista' tivvota.

Id-dati ġodda ta' l-għeluq, imfissra hawn taħt għal ċirkustanzi differenti, iseħħu wara li joħorġu l-proklami. Il-proklami huma d-dokumenti legali meħtieġa biex tibda t-timetable uffiċjali u l-proċess għall-elezzjoni federali. Għall-elezzjonijiet federali riċenti, il-proklami ħarġu bejn ġurnata u erbat ijiem wara li l-Prim Ministru jħabbar id-data ta' l-elezzjoni.

Biex tivvota f'elezzjoni federali, il-formola ta' reġistrazzjoni għandha tkun mimlija tajjeb u għandha tasal għand l-AEC qabel l-għeluq tar-reġistri elettorali:

| Jekk int: | Ir-reġistri elettorali jgħalqu u d-data ta' l-għeluq għalik biex l-AEC tirċievi l-formola ta' reġistrazzjoni kompluta hija: |
|---|---|
| **Qed tirreġistra** għall-**ewwel darba**<br><br>**Minbarra jekk:**<br><br>**għandek 17-il sena, imma se tagħlaq 18-il sena** bejn id-data wara l-ħruġ tal-proklami u d-data ta' l-elezzjoni (inkluża)<br><br>**jew**<br><br>**se ssir ċittadin Awstraljan** bejn id-data wara l-ħruġ tal-proklami u d-data ta' l-elezzjoni (inkluża) | It-8pm **fl-istess ġurnata** li l-proklami għall-elezzjoni jinħarġu<br><br>F'dak il-każ id-data ta' l-għeluq tkun it-8pm, **tlett ijiem li fihom isir xogħol ordinarju** wara l-ġurnata li l-proklami għall-elezzjoni jinħarġu<br><br>F'dak il-każ id-data ta' l-għeluq tkun it-8pm, **tlett ijiem li fihom isir xogħol ordinarju** wara l-ġurnata li l-proklami għall-elezzjoni jinħarġu |
| **Se terġa terreġistra** biex terġa tkun fuq ir-reġistru wara li ismek ikun tneħħa għal xi raġuni | It-8pm **fl-istess ġurnata** li l-proklami għall-elezzjoni jinħarġu |
| **Qiegħed fuq ir-reġistru,** imma **l-indirizz** jew **id-dettalji ta' ismek m'humiex aġġornati** | It-8pm, **tlett ijiem li fihom isir xogħol ordinarju** wara l-ġurnata li l-proklami għall-elezzjoni jinħarġu |

Tkompli fil-paġna li jmiss

## Għandek timla formola ta' registrazzjoni kull darba li tibdel fejn toqgħod

Jekk bdilt l-indirizz u ma aġġornajtx ir-reġistrazzjoni tiegħek tista' titneħħa minn fuq ir-reġistru elettorali jekk l-AEC jsiru jafu li r-reġistrazzjoni tiegħek mhix aġġornata.

Jekk ikollok bżonn taġġorna r-reġistrazzjoni, agħmel dan issa billi timla formula ġdida. Hija responsabbiltà tiegħek li żżomm ir-reġistrazzjoni tiegħek aġġornata. Tirriskjax li ma tkunx tista' tivvota.

Iċċekkja x'inhi s-sitwazzjoni tiegħek fuq ir-reġistru elettorali u ikseb aktar informazzjoni u formoli f' www.aec.gov.au, mur f'Uffiċċju ta' l-AEC* jew ċempel 13 23 26. Formoli ta' reġistrazzjoni jinkisbu wkoll minn postijiet ta' l-Australia Post.

*Uffiċċji ta' l-AEC jinstabu mniżżla fuq il-white pages tal-ktieb tat-telefon.